# Il-Ħadd 03.11.2019

1. Illum, 3/11:-
   - Fl-4:00pm - Quddiesa fiċ-ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra.
     *Ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm*.

   **N.B. F'każ ta' maltemp il-quddiesa fiċ-ċimiterju tiġi postposta għall-Ħadd 10/11 fl-4:00pm u minflokk ssir bħas-soltu il-quddiesa fil-knisja parrokkjali fil-5:30pm.**
   - Fir-rigward taċ-ċimiterju, ser tkun qed tinġabar ukoll il-kontribuzzjoni ta' € 15 biex intaffu l-ispejjeż marbuta mal-iskip relatata mat-tindif tal-oqbra, u mal-konsum tal-ilma u l-elettriku, li jkopru s-Sistema tal-Cameras tas-Sigurtà, u l-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra. Napprezza wkoll il-ġenerożità tagħkom jekk toffru donazzjoni biex inkomplu ntaffu l-ispejjeż tal-manutenzjoni taċ-ċimiterju.
   - Infakkar li matul dan ix-xahar ta' Novembru, tistgħu tiġu l-Uffiċċju Parrokkjali, fil-ħinijiet tiegħu - jiġifieri bejn id-9:00am u l-11:00am, u bejn l-4:30pm u s-6:00pm - biex tiktbu l-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2020 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom.
2. It-Tnejn 4/11:-
   - Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju għall-Kappillani u għas-Saċerdoti mejtin.
3. It-Tlieta 5/11:-
   - Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju għall-Fratelli u Sorelle Mejtin tas-Sagrament u tar-Ružarju.
4. Il-Ħamis 7/11:-
   - Fis-7:30pm - Laqgħa tal-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.
5. Is-Sibt 9/11:-
   - Fit-8:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tas-saċerdoti li tispiċċa fl-10:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali tas-Salvatur, Ħal Lija.
6. Il-Ħadd 10/11:-
   - Fuq iz-zuntier, ser isir *Bake & Cake Sale* u Lotterija b'risq it-tiswija tal-lanterna tal-koppla tal-knisja. Napprezzaw il-koperazzjoni tagħkom.
7. Avviżi oħra:-
   - Is-Sibt 09/11 u l-Ħadd 10/11 - Voluntiera u membri tal-*Malta Hospice Movement* ser ikunu fuq iz-zuntier ta' diversi knejjes, fosthom tagħna, sabiex jilqgħu xi donazzjonijiet biex ikunu jistgħu jipprovdu aktar għajnuna.
8. Avviżi mill-Kunsill Lokali:-
   - Il-Ħadd 10/11 ser issir tellieqa li fiha l-atleti ser ikunu qed jgħaddu minn diversi toroq f'Ħal Safi: il-Ħajt Ruman, Feniċi, Qerd in-Naħal, Ajżar, San Ġwann u Ta' Rqajja'. Dan mit-8:05am sat-8:35am. Għalhekk mitlubin issegwu l-istruzzjonijiet tal-pulizija u tal-*marshalls* tat-tellieqa.
   - F'Jannar li ġej, il-Kunsill Lokali ser jipparteċipa f'żewġ proġetti tal-*Erasmus*+ li huma ffinanzjati minn fondi ewropej. Dawn ser isiru fi Spanja u Sqallija. Żgħażagħ ta' bejn it-18 u t-30 sena li huma nteressati jieħdu sehem għandhom javviċinaw lil xi membru tal-Kunsill għal aktar informazzjoni.
9. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 40 bħala donazzjonijiet b'risq il-Missjoni li nġabru mill-envelopes;
   - € 355 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 124 mil-lotterija tal-hamper. Grazzi.
10. Nitolbu għal Nicolina Scerri li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
    Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...